MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2254/1995/1

**Anthony u Patricia konjugi Zerafa bhala kuraturi ad litem ta' binhom Franklin Zerafa**

**vs**

**Joseph u Maria Dolores konjugi Sacco**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici prezentata fis-27 ta' Dicembru 1995 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi Franklin Zerafa ta' seba' (7) snin, iben Anthony u Patricia konjugi Zerafa, fis-16 ta' Lulju 1995, waqt li kien miexi fuq il-bankina f'Villambrosa Street, Hamrun, quddiem Carmen House, ir-residenza tal-konvenuti, tgerbeb u waqa' f'munzell ta' ramel bil-*bricks* tal-*concrete* fih, u garrab griehi f'halqu u f'wiccu li aktarx ihallu marki

jew sinjali ta’ natura permanenti kif juri c-certifikat mediku Dok “A”;

Illi l-incident imsemmi gara tort tal-konvenuti li hallew fin-nofs u jingombra l-bankina, l-materjal imsemmi, bi ksur tal-ligi;

Illi tort tal-konvenuti, Franklin Zerafa sofra u ser isofri danni, konsistenti kemm fi spejjez minfuqa ghal kura medika, kif ukoll f’menomazzjoni fid-dehra tal-wicc tieghu, u possibbilment fi snienu, li ghaliha huwa ghandu jircievi kumpens, li jkopri l-ispejjez eventwalment mehtiega anki ghal intervent ta’ *plastic surgery* u interventi ohra jekk ikun il-kaz;

Talbu ghalhekk l-atturi fil-kwalita` taghhom premess bhala rapprezentanti legali ta’ l-istess minuri Franklin Zerafa jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

(a) Tiddikjara li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-korriment li Franklin Zerafa garrab fis-16 ta’ Lulju 1995, fi Triq Villambrosa, Hamrun biswit “Carmen House”, residenza tal-konvenuti minhabba l-munzell tar-ramel u *bricks* imholli minnhom, jingombra l-bankina quddiem il-fond imsemmi u kwindi huma responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali li Franklin Zerafa sofra u ser isofri inkluzi l-ispejjez gia mhallsa ghall-kura medika u ppruvata;

(b) Tillikwida d-danni kollha risarcibbli skond il-ligi;

(c) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu, fi zmien perentorju, lill-atturi fil-kwalita` taghhom premessa, l-ammont ta’ danni hekk likwidati, bl-imghax sal-gurnata tal-pagament effettiv; Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 u 5 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 5 tal-process.

Rat ic-certifikat mediku tat-tabib Dr. Paul Gatt esebit mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok. “A” a. fol 6 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10 tal-process prezentata fit-22 ta’ Jannar 1996 fejn il-konvenuti eccipew:-

1. Illi l-konvenuti m’humiex responsabbli ghall-incident li gara lill-minuri Franklin Zerafa u wisq anqas ma huma responsabbli ghad-danni konsegwenzjali;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-pretensjonijiet ta’ l-atturi *nomine*, huma esagerati u sproporzjonati ghal dak li attwalment garrab il-minuri.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat il-provi prodotti mill-partijiet.

Rat is-sentenza moghtija fid-29 ta’ Marzu 2001 fejn din il-Qorti wara li hadet konjizzjoni tal-provi u ghamlet l-apprezzament taghhom u wara illi ghamlet il-kunsiderazzjonijiet taghha, ikkonkludiet billi cahdet l-ewwel eccezjoni tal-konvenuti u laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat lill-konvenuti unikament responsabbli ghall-korriment li Franklin Zerafa garrab fis-16 ta’ Lulju 1995 fi Triq Villambrosa, Hamrun, biswit “Carmen House”, residenza tal-konvenuti, minhabba li munzell tar-ramel u *bricks* imholli mill-konvenuti ingombra l-bankina quddiem il-fond imsemmi u kwindi zammet lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali li Franklin Zerafa jigi ppruvat li sofra kawza ta’ l-istess incident.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Gunju 2001 fejn id-difensuri talbu n-nomina ta’ Perit Mediku u ssuggerew lil Charles Swain kif ukoll rat id-digriet fejn Charles Swain gie nominat bhala Perit Mediku.

Rat ir-rapport mediku mhejji mill-Espert Mediku Charles Swain a fol. 130-133 tal-process fejn ikkonkluda illi Franklin Zerafa kien qed isofri minn “ … *sfregju zghir imma permanenti ghaliex il-farrett fuq ix-xoffa baqa’ jidher*

*sew u ma jistax jitranga iktar. Dan l-isfregju jirrizulta f'dizabilita` permanenti ta' 3%."*

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar 2002 fejn l-Avukat tal-konvenuti, Dr Zammit Maempel, talab li jeskuti l-Perit Mediku.

Rat id-domandi u r-risposti moghtija mill-Espert Mediku Charles Swain fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju 2002 fejn il-konvenuti talbu illi Franklin Zerafa jattendi il-Qorti sabiex jigi ndikat l-allegat difett estetiku. Rat ukoll ir-ritratti esebiti mill-atturi.

Rat il-verbal tal-15 ta' Ottubru 2002 fejn il-minuri Franklin Zerafa ottempera ruhu mal-verbal precedenti u attenda ghas-seduta. Rat ukoll it-termini prefissi mill-Qorti ghall-prezentata tan-noti tal-partijiet rigwardanti d-danni sofferti mill-minuri.

Rat in-nota tal-atturi a fol. 150 tal-process.

Rat il-verbal tas-27 ta' Frar 2003 fejn l-Avukat tal-konvenuti Dr. Zammit Maempel iddikjara illi qed jikkontesta l-*lucrum cessans*.

Rat in-nota tal-konvenuti (a fol. 155).

Rat il-provi u dokumenti kollha prodotti.
Rat l-atti kollha tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din is-sentenza hija limitata ghat-tieni (2) u t-tielet (3) talba attrici dwar il-likwidazzjoni u konsegwenti kundanna ghall-hlas ta' danni *stante* li l-kwistjoni dwar ir-responsabbilta' ta' l-incident giet deciza b'sentenza ta' din il-Qorti datata 29 ta' Marzu 2001.

Illi dwar l-likwidazzjoni ta’ danni l-Qorti tinnota illi dwar l-ammont mitlub *in linea* ta’ *damnum emergens* jidher illi m’hemmx kontestazzjoni u li l-ammonti mitluba huma sostanzjati mir-ricevuti relattivi a fol. 152 u 153 tal-process.

Illi l-unika kontestazzjoni tirrigwarda l-ammont mitlub *in linea* ta’ *lucrum cessans*.  L-atturi *nomine* qed jippretendu l-ammont ta’ hamest elef mitejn u tnejn u erbgin Lira Maltin (Lm5,242) a bazi tad-dizabilita` ta’ 3% stabbilita mill-espert mediku Charles Swain nominat mill-Qorti, kif ukoll abbazi tal-kalkolu ta’ dhul taxxabbli ta’ mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm120) fil-gimgha u *multiplier* ta’ hamsa u tletin sena (35).

Illi l-konvenuti fin-nota taghhom ghamlu referenza ghas-sentenza **“Alex Vella Falzon vs George Vassallo”** (P.A. (JSP) 5 ta’ Ottubru 2002) u ssottomettew illi l-farrett f’wicc il-minuri Franklin Zerafa ma halla l-ebda dizabilita` funzjonali fil-halq jew fix-xoffa tieghu u li tali farrett huwa vizwalment irrelevanti. *Inoltre* saret referenza ghall-fatt illi f’kazi simili l-ligi taghna ma tikkontemplax ebda hlas ghal danni morali.

Illi l-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti *stante* li hawn ma hijiex qed titratta dwar danni morali u tirrileva illi *nonostante* illi tali ferita ma halliet ebda dizabilita` funzjonali, xorta wahda hemm lok illi taghlaq l-opportunita` lil Franklin Zerafa ghal diversi possibilitajiet ta’ xoghol meta jilhaq l-eta` maggorenni. *Inoltre* kif sostna l-espert mediku Charles Swain l-isfregju mhux ser jirranga la biz-zmien u lanqas bil-*plastic surgery* (a fol. 142 – 143 tal-process).

Illi l-ferita’ u l-isfregju li sofra minnu l-minuri attur huwa wiehed rejali u jista’ jigi identifikat mill-ewwel malli wiehed ihares lejn l-istess minuri kif l-espert inverita’ kkonstata fir-rapport tieghu u kif il-Qorti kellha okkazzjoni li tara hija infisha waqt il-presenza ta’ l-istess minuri l-Qorti u anke in virtu’ tar-ritratti esebiti. Illi fil-fatt l-hsara li giet ikkawzata lill-attur minuri f’wiccu ma hijiex kwistjoni ta’ hsara morali izda certament wahda ta’ dannu u pregudizzju fiziku f’wicc

l-istess persuna li certament thalli l-konsegwenzi taghha kemm fizici u kemm psikologici, u li wiehed jittratta tali dannu manifest u palez bhala kwistjoni merament ta' danni morali hija, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, sottomissjoni mill-iktar simplicita' li tinjora ghal kollox il-valur ta' l-estetika umana fejn certament li l-apparenza ghandha il-valur taghha rejali, u wkoll vitali li jvarja skond in-natura ta' xoghol jew attivita' li jkun intraprenda jew jista' jintraprendi s-suggett in partikolari; dan apparti konsiderazzjonijiet ohra rilevanti dwar il-kwalita' ta' hajja ta' dak li jkun.

Illi in effetti jirrizulta inkontestat li l-gerha li soffra l-istess minuri li giet klassifikata bhala sfregju tikkonsisti *"f'cikkatrici twila 1.5.cm fir-rokna tax-xoffa ta' fuq. Hemm cikkatrici izghar fil-mucusa tax-xoffa ta' fuq tikkorpospondi maghha. Is-snien tal-hanek ta' fuq hargu normali ghat-tifel ta' dik l-eta'. Ir-rokna tax-xellug ta' fuq baqghet ftit miftuha u mdendla b'rizultat tal-lacerazzjoni".*

Illi l-istess espert mediku kkonkluda b'dan il-mod:-

*"Franklin Zerafa sofra minn lacerazzjoni fix-xoffa ta' fuq f'incident li kellu sitt snin ilu. Din fieqet fi zmien tliet gimghat ghalkemm in-nefha damet iktar biex nizlet. Illum ma hemm l-ebda difett fil-funzjoni tax-xoffa jew tal-halq. Hemm sfregju zghir imma permanenti ghaliex il-farrett fuq ix-xoffa baqa' jidher sew u ma jistax jittranga iktar. Dan l-isfregju jirrizulta f'disabilita' permanenti ta' 3%".*

Illi ma hemm l-ebda dubju f'ghajnejn il-Qorti li hawn l-istess espert mediku qed jitkellem dwar danni rejali u certament id-dizabilita' permanenti minnu riskontratta hija wahda ta' natura fizika u apparenti li thalli l-konsegwenza taghha effettivament fuq il-hajja ta' l-istess minuri, inkluza dik li ghandha valur ekonomiku u emozjonali u dan a differenza minn dik sempliciment morali kif qed isejhulha l-konvenuti. Illi l-Qorti hawn taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Saviour Falzon vs Joseph Sammut"** (P.A (DS) 14 ta' Dicembru 2001 - Cit Nru: 942/1995/DS) fejn din l-Qorti, diversament presjeduta, rinfaccjata b'talba ghal danni ikkawzati minn sfregju sostniet illi:

"*Issa fil-kaz in ezami, trattandosi ta' dizabilita` permanenti minhabba sfregju, filwaqt li huwa veru li din it-tip ta' dizabilita` mhijiex ser twaqqfu milli jahdem, pero` taghlaqlu l-opportunita` ghal diversi possibbiltajiet ta' xoghol u ghalhekk ma jistax ma jigix ikkunsidrat l-aspett ta' lucrum cessans kif jidher li qieghed jippretendi l-konvenut."*

Illi rigward il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* maghmula mill-atturi fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom il-Qorti taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

1. *In vista* tal-fatt illi l-vittma huwa tifel minuri li fi zmien ta' l-incident kellu biss sitt (6) snin l-atturi adoperaw *annual return* ipotetiku ta' sitt elef u mitejn u erbghin Lira Maltin (Lm6,240) mahdum abbazi ta' dhul ta' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm120) fil-gimgha. Il-Qorti ikkunsidrat il-*minimum wage* skond in-*National Standards* u kif ukoll ikkunsidrat iz-zieda fil-*minimum wage* f'dawn l-ahhar snin. Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi meta Franklin Zerafa ser jilhaq l-eta` maggorenni il-*minimum wage* probabbilment ser tkun aktar gholja milli hi illum. Ikkunsidrat ukoll illi l-istess Franklin Zerafa jista' jaqbad karriera izda minhabba l-eta` tenera tieghu dan ma jistax jigi stabbilit b'certezza. In vista ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti issostni illi dhul taxxabbli ta' hamsa u disghin lira Maltija (Lm95) fil-gimgha ikun ammont aktar ekwu fic-cirkostanzi.

2. Rigward il-*multiplier*, l-atturi adoperaw wiehed ta' hamsa u tletin (35) sena. Fil-kawza quddiem din l-istess Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet "**Paul Bottone et vs Rita Saliba**" (Cit Nru:2307/1999) deciza fis-7 ta' Jannar 2003 il-Qorti irriteniet is-segwenti:

"*Issa tenut kont ta' dan l-artikolu 1045 jirrizulta car li tali somma tvarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami… Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza* ***"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"*** *(A.C. 22 ta' Dicembru 1967) li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress illi kif intqal fil-kawza* ***"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"*** *(A.C. 16 ta' Novembru 1983) "ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu*

*konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu. Illi hekk per ezempju ghar-rigward tal-multiplier applikat ghall-kuncett tal-working life expectancy of the victim fejn qabel ic-ceiling qatt ma ecceda l-20%, pero` illum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (App 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Qorti rikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita` f'**"Butler vs Heard"** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero` dan ma jfissirx illi "Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' l-applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche` thalli f'idejn il-gudikant dak il-margini ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformement ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi f'gurisprudenza ohra l-Qorti irriteniet illi "*din il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandiex tkun marbuta ma decizjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena*" **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (Prim'Awla 16 ta' April 1991)). F'okkazjonijiet ohra il-Qorti irriteniet illi l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sa llum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitrarju w opinjonistiku*" (**"Karen Zimelli vs Michael Sammut"** (Prim'Awla); ara wkoll **"Anna Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited gja Pre Pac Limited"** (P.A. RCP - 24 ta' Marzu 2000); **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et** (Prim'Awla 1 ta' Marzu 1992); **"Duncan Vassallo vs Khalid Schwej"** (P.A. (FGC) - 8 ta' Marzu 1996) **"Robert Barbara vs Saviour Galea"** (Prim'Awla 11 ta' Ottubru 1996; **"Susan Davies vs Anthony Galea"** (Prim'Awla 10 ta' Ottubru 1997; **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato"** (Prim'Awla 5 ta' Ottubru 1999); **"George Gatt vs Francis E. Carbone"** (A.C. 7 ta' Lulju 1998); **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (P.A. 17 ta' Frar 1998); **"Arthur Bonello noe vs James Camilleri et"** (13 ta' Jannar 1998).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et"** (Prim'Awla 1 ta' Marzu 1992), **"Duncan Vassallo vs Khalid Schwej"** (Prim'Awla 8 ta' Marzu 1996), "**Robert Barbara vs Saviour Galea"** (Prim'Awla 11 ta' Ottubru 1996), **"Susan Davies vs Anthony Galea**" (Prim'Awla 10 ta' Ottubru 1997), **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato"**(Prim'Awla 5 ta' Ottubru 1999), **"George Gatt vs Francis E. Carbone"** (Appell 7 ta' Lulju 1998), **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (Prim'Awla 17 ta' Frar 1998), **"Arthur Bonello noe vs James Camilleri et"**(13 ta' Jannar 1998). F'dawn il-kawzi il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta` odjerna u aspettativa iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mary Bugeja vs George Agius"** (Prim'Awla 12 ta' Jannar 1987) fejn din il-Qorti diversament presjeduta tenniet illi in vista tad-diffikultajiet u ncertezzi rinfaccjati mill-Qorti fil-kamp tal-likwidazzjoni tad-danni, ghandu jkun hemm "*certa` elasticita` ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabilita`. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-rejalta`."*

Illi fil-kawza fuq citata fl-ismijiet **"Paul Bottone et vs Rita Saliba"** saret referenza ghal din is-sentenza fuq citata u l-Qorti sostniet illi din ghandha tkun il-mira ta' kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta' danni u li "*Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudni wiesa' imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certu principji ghadhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat ta' l-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens rejali u adegwat.*"

Illi l-Qorti abbazi ta' l-iskorta tal-gurisprudenza fuq citata tikkunsidra l-*multiplier* adottat mill-atturi bhala wiehed ekwu u li jirrifletti l-pozizzjoni attwali odjerna skond il-gurisprudenza prevalenti.

3. Id-dizabilita` sofferta minn Franklin Zerafa hija ta' 3% kif dikjarata u ccertifikata fir-rapport mediku ta' l-espert nominat mill-Qorti Charles Swain a fol. 133 tal-process u dwar dan ftit hemm x'jinghad apparti dak li gie gja espress minn din il-Qorti f'din is-sentenza u f'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-**artikolu 1045 tal-Kap 16** li meta jitkellem dwar is-somma li ghandha tinghata lill-persuna li ssofri l-inkapacita' tirreferi kemm ghall-inkapacita' stabbilita mill-Qorti, hawn abbazi ta' rapport mediku, kif ukoll ghac-cirkosanzi kollha tal-kaz, inkluz ix-xorta u l-grad ta' inkapacita' u fl-ahharnett *"il-kondizzjoni tal-parti li tbghati l-hsara"*; f'dan il-kaz dan huwa ta' mportanza massima *stante* li l-incident gara fuq tifel li kellhu biss seba' (7) snin meta sehh l-incident, u minn dak iz-zmien u jidher li ghal ghomru ser ikollu ibati u jgorr dan l-isfregju, li certament huwa wiehed fiziku u ta' certu portata *stante* li qieghed fil-wicc ta' l-istess minuri, u ovvjament li ma jistax jitqies bhala wiehed ta' semplici dannu morali, izda wiehed li jaffetwa l-hajja ta' l-istess minuri, inkluz il-kwalita' taghha u dan jimpingi anke fuq in-natura ta' xoghol li jista' jikkonsidra l-istess minuri fil-futur.

Illi hawn il-Qorti tireferi ghas-sentenza citata mill-konvenuti fl-ismijiet **"Alex Vella Falzon vs George Vassallo"** (P.A. (JSP) 5 ta' Ottubru 1993 u tinnota li l-*fattispecie* ta' dak il-kaz huma differenti minn dawk odjerni u dan peress li f'dak il-kaz il-perit mediku imqabbad mill-Qorti tajjeb jew hazin kien ikkonstanta li l-istess attur f'dak il-kaz ma kienx ibaghti minn debilita' permanenti, anke peress li c-cikkatrici li kellu kienet fuq iz-zaqq kawza ta' l-operazzjoni li saritlu u allura lanqas kienet tikkwalifika bhala sfregju.

Illi pero' l-istess Qorti qalet fl-imsemmija sentenza li *"ma tikkondividiex l-opinjoni li una volta ma rrizulta l-ebda grad ta' debilita' permanenti, allura l-kaz ta' damnum emergens huwa maghluq. Ma tarax kif tista' titratta l-griehi permanenti u l-manifestazzjoni taghhom permezz tal-*

*'iscars' li jsofri l-gisem tal-bniedem differentement minn hsara fuq il-'bumper' jew 'part' ohra ta' karozza danneggata. Mhux legittimu li wiehed jezigi li min hu responsabbli ghall-incident ghandu jbiddel 'part' ta' karozza meta din ma tkunx tista' tissewwa b'mod perfett jew ghax il-vettura tkun gdida, imma li ma ghandu jaghmel tajjeb ghal xejn jekk min korra ser jibqa' sfigurat ghal ghomru ghax dan l-isfregju mhux ser jaffetwalu l-qliegh tieghu. Mhux korrett li dawn l-iscars jigu ekwiparati ma "pain and suffering", kuncett pjuttost astratt u ntangibbli. L-iscars huma ghal kuntrarju hsara rejali u tangibbli li, fit-teorija, l-konvenut huwa tenut li jirrimedja ghaliha. Huwa veru li jista' jkun il-kaz li ma jigix kkundannat biex hekk jaghmel ghax hu fizikament u medikament impossibbli jew skonsiljabbli li hekk isir. Dan ma jfissirx pero' li b'daqshekk ma ghandhux jigi kkumpensat entro limiti ragonevoli ghall-hsara li garrab. Dan ukoll ghax anke sfregju simili jista' jkollu l-import ekonomiku attwali, ghax mhux biss jillimita certa attivita' redditizja, imma tista' tirrendi persuna inaccettabbli kemm oggettivament u kif ukoll soggettivament, sal-punt li b'xi mod jista' jinfluwenza negattivament fuq l-attivita' ekonomika potenzjali li ta' spiss hi generata f'inkontri ta' svog u divertiment".*

Illi f'din is-sentenza jidher car li l-istess Qorti hadet in konsiderazzjoni t-telf ta' qligh potenzjali *oltre* l-inkapacita' pruvata tax-xoghol u dan f'kaz meta ma kienx hemm sfregju fil-kuntest tal-ligi anke kriminali u wkoll meta ma kienx hemm dizabilita' permanenti rikonoxxuta medikament. Dan ghaliex il-Qorti hija tenuta li thares lejn l-konsegwenzi deletorji li griehi ta' dan it-tip u sfregji jistghu u fil-fatt joholqu lill-vittma ta' tali dannu, li hafna drabi jikkawzaw sens ta' nkonvenjenza u tbatija lil dak li jkun. Fil-fatt dan kollu jikkonferma t-tezi ta' din il-Qorti li hawn ma humiex qed jigu kkonsidrati danni morali, izda danni rejali sofferti mill-attur minorenni, li l-konsegwenza taghhom vizibbli u tangibbli l-istess attur minorenni ser ikollu jgorrha ghal hajtu kollha bil-problemi kollha li l-istess iggib maghha kemm socjalment u kemm fuq il-post tax-xoghol, apparti limitazzjoni fuq in-natura tax-xoghol li l-istess minuri jista' jintraprendi, f'dinja llum fejn l-estetika u l-kura tal-persuna u l-apparenza ma hijiex biss disponibbli

lill-mara izda wkoll lir-ragel, f'era ta' ugwaljanza bejn is-sessi.

Illi fuq kollox din hija interpretazjoni tal-ligi f'kuntest uman u hija rikonoxximent tal-fatt li l-ligi hija dejjem hemm ghas-servizz tal-bniedem u mhux vice versa. Allura gustament l-istess ligi tiehu inkonsiderazzjoni fuq kollox l-effett li tali regoli u fil-kaz partikolari tali dannu jikkawza lill-bniedem u lis-suggett in partikolari, u dan f'termini veri u rejali li jinhassu minn kull min ghandu l-persuna tal-bniedem, u s-sahha ta' l-istess u fuq kollox il-hajja innifisha ghal qalbu u bhala l-ikbar don t'Alla lill-bniedem. Hawn qed nitkellmu dejjem fil-kuntest ta' valur ekomoniku fis-sens lat tieghu ta' sahhet il-bniedem li jghati dehen u sinfikat ikbar lill-hajja innifisha tal-bniedem u jaghti valur lill-kwalita' ta' hajja tal-bniedem fuq kollox li dak li jissejjah bhala progress ta' l-umanita' dejjem ifittex li jimmeljora.

Illi f'dawn il-konsiderazzjonijiet jista' jinghad li t-telf ta' hajja ta' bniedem hija anke fil-kuntest ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem verament imprezzabbli, li mhux kemm taqbad u tpoggi valur ekonomiku fuqha, ghalkemm il-ligi skond l-**artikolu 1046** f'kaz ta' mewt titkellem anke f'termini ekonomici abbazi ta' l-**artikolu 1045 (2)** fuq il-premessa ta' *'inkapacita' totali ghal dejjem".* L-istess ghandu jigi kkunsidrat f'optika ta' kull haga jew dannu li jsofri l-bniedem li jista' jaffetwalu l-kwalita' ta' hajja li huwa jista' jgawdi, u kull limitazzjoni ta' istess ghandha fl-orbita tal-ligi l-konsegwenzi ekonomici taghha, iktar u iktar meta d-dannu ma jkunx jista' jigi riversat kompletament.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta car li l-minuri sofra danni rejali tant li l-isfregju minnu soffert huwa wiehed apparenti, fiziku u visibbli mill-ewwel u l-konsegwenza ta' l-istess giet ukoll trasmessa permezz ta' inkapacita' medika permanenti pronunzjata ta' 3%. Dan kollu iwassal sabiex is-sottomissjoni tal-konvenuti, li jargumentaw li dan il-kaz jittratta biss dwar danni morali, tigi rigettata kemm ghaliex ir-rizultanzi juru mod iehor, u kif ukoll peress li abbazi tas-sentenza minnhom citata jidher car li hemm kaz ta' danni rejali anke kieku ma kenitx stabbilita tali dizabilita' permanenti, u allura *multo magis* hemm kaz ta'

likwidazzjoni ta' tali danni meta bhal dan il-kaz l-inkapacita' permanenti hija ddikajarata u stabbilita.

4. L-atturi fin-nota ssottomettew illi ghandu jitnaqqas ghoxrin fil-mija (20%) bhala *lump sum deduction.* F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza ricenti fejn l-insenjament tal-Qrati nostrana huwa illi jkun hemm tnaqqis ta' tnejn fil-mija (2%) ghal kull sena wara li jghaddu tliet snin mid-data ta' l-incident. Issir referenza ghall-kawza **"Paul Bottone et vs Rita Saliba"** (Cit Nru: 2307/1999 RCP) deciza minn dina l-Qorti kif presjeduta fejn gie ritenut illi:-

"*Ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-"lump sum" jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data*".

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza **"Mario Mizzi et vs Paul Genovese et"** (P.A (RCP) 22 ta' Marzu 2003 - Cit Nru: 569/1998/RCP) fejn gie ritenut li "*ghalkemm bhala regola din l-evalwazzjoni ghandha tigi applikata, pero` certament mhux sine qua non stante li dan jiddependi hafna fuq ic-cirkostanzi tal-kaz de quo, u fl-opinjoni tal-Qorti, hemm kazijiet fejn lanqas dan il-persentagg ghall-lump sum payment lanqas ghandha titnaqqas, ghaliex lanqas tirrifletti r-realta` tad-danni sofferti, u din id-decizjoni ghandha tkun imhollija f'idejn il-gudikant li jkun qed jezamina l-istess kaz fid-dettalji kollha tieghu, nkluz il-likwidazzjoni ta' danni sofferti." Inoltre in vista tal-fatt illi l-likwidazzjoni tad-danni ghandha tirrifletti r-realta` tad-danni, il-Qrati taghna irritenew illi hemm kazijiet fejn il-lump sum deduction m'ghandiex tigi applikata".*

Illi abbazi ta' dawn is-sentenzi l-Qorti hija tal-fehma li fil-kawza odjerna ma ghandu jkun hemm l-ebda tnaqqis tal-*lump sum payment,* tenut kont li din is-sentenza ser tinghata tmien (8) snin wara l-imsemmi incident soffert mill-attur minuri.

Illi għaldaqstant il-*lucrum cessans* f'dan il-kaz jammonta ghal Lm5200 (Lm95 x 52) x 35 x 3% = Lm5,187 u ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis mill-istess somma. Ma dan l-ammont ghandha tizdied is-somma ta' mija u sitta u tletin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm136.25) bhala *damnum emergens* ghal total ta' hames t'elef, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,323.25).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi konsegwenti ghad-decizjoni ta' din l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet premessi **"Anthony u Patricia konjugi Zerafa nomine vs Joseph u Maria Dolores konjugi Sacco"** tad-29 ta' Marzu 2001 fejn giet milqugha l-ewwel talba attrici, tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet talba attrici** b'dan illi:-

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi *nomine* fl-ammont ta' hamest elef, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,323.25).

3. Tikkundanna l-konvenuti ihallsu lill-atturi *nomine* l-ammont ta' hamest elef, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,323.25) rapprezentanti ammont likwidat ta' danni minnhom ikkawzati lill-attur minuri kif premess f'din is-sentenza u f'dik fl-ismijiet premessi tad-29 ta' Marzu 2001.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tas-sentenza tad-29 ta' Marzu 2001 u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti.
**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------